SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 20/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/09/'13** **303**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/09/'13** **358**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru 2013.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Assenti: (0)

1.05 Skużati: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Kien preżenti ukoll l-Avukat tal-Kunsill Dr. Stefano Filetti.

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Settembru 2013. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament dwar il-proġett tad-Dar ta' l-Anzjani, Day Care Centre, Uffiċċju Amministrattiv ġdid għal-Kunsill u *parking* pubbliku.
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 17/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 17/K7/13.

1.3.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 18/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 18/K7/13.

1.3.07 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.09 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 19/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.10 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 19/K7/13.

1.3.11 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

1.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Minuti – Espressjoni ta' Interess – Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.**

1.4.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 1 rigward l-Espressjoni ta' Interess – Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għall-approvazzjoni.

1.4.02 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.4.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

1.4.04 Il-Kunsill qabel unanimament

1.4.05 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 2 rigward l-Espressjoni ta' Interess – Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għall-approvazzjoni.

1.4.06 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.4.07 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

1.4.08 Il-Kunsill qabel unanimament

1.4.09 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 3 rigward l-Espressjoni ta' Interess – Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għall-approvazzjoni.

1.4.10 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.4.11 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

1.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.5 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.5.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 31b/KA1/13 u 32/KA1/13 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

4478 Email mingħand is-Sur Albert Aquilina rigward permess għal *un/loading bay* fi Triq Luigi Apap quddiem l-Co-Op Services Ltd.

4588 Email mingħand l-Inġinier Ronald Calleja rigward xogħol fuq il-bankina fi Triq Claire E. Engel.

4731 Email mingħand is-Sur Adrain Muscat mill-Waste Collection Ltd rigward ix-xiri tal-boroż tal-*litter bins.*

4915 Email mingħand il-MEPA, rigward il-ħsara li sar mill-maltemp fil-Bini tar-Rampa għal Aċċessibilita aħjar għal fuq il-Moll ta' ħdejn il-lukanda Cavalieri.

4989 & 5007 Korrispondenza rigward tneħijja ta' parkeġġ fi Triq Sant' Elija.

4994 Stima rigward xogħolijiet li hemm bżonn isiru fil-latrini pubbliċi tal-Balluta.

5151 Ittra mingħand it-Transport Malta rigward linji sofor fi Triq il-Karmnu.

K1182 Email lit-Transport Malta rigward parkeġġ fi Triq il-Karmnu, Triq Sant' Elija u Triq Elija Zammit.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru: 4478**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Albert Aquilina rigward permess għal *un/loading bay* fi Triq Luigi Apap quddiem l-Co-Op Services Ltd. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li s-Sur Albert Aquilina jiġi nfurmat biex jirreferi t-talba tiegħu lit-Transport Malta.

**Rif. Nru. 4588**

2.03 B'riferenza għall-email mingħand l-Inġinier Ronald Calleja rigward xogħol fuq il-bankina fi Triq Claire E. Engel. Ġie deċiż unanimament li:

a) jiġi ffissat appuntament mal-Perit tal-Kunsill, Polidano Bros. u l-Inġinier Ronald Calleja għan-nom tal-Go p.l.c. sabiex tiġi diskussa din il-materja.

b) L-ispejjeż involuti huma għall-Go p.l.c.

**Rif Nru. 4731**

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Adrain Muscat mill-Waste Collection Ltd rigward xiri tal-boroż għall-*litter bins* u għall-kuntratt riferenza SCS52-06/2013. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li t-talba li saret lill-Kunsill ma tiġix aċċettata u li ssir laqgħa mal-Kuntrattur.

2.05 Ġie deċiż li tingħata kopja tal-*programme of works* tal-knis fil-lokalita' lill-Kunsilliera.

2.06 **Rif Nru. 4915**

Saret riferenza għall-email mingħand il-MEPA, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-MEPA ma tistax tapprova l-fondi għal ħsara li sar mill-maltemp waqt il-bini tar-rampa għal aċċessibilita aħjar għal fuq il-moll ta' ħdejn il-lukanda Cavallieri. Dan peress li dawn il-fondi ma jaqawx taħt il-*policy* tal-UIF.

2.07 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kuntrattur jitħallas mill-fondi tal-Kunsill għal ispejjeż b'konnesjoni mal-ħsara li sar mill-maltemp.

2.08 L-Avukat tal-Kunsill, Dott. Filletti wasal fit-3.30p.m.

2.09 Iċ-Ċermen talab sospenzjoni tal-laqgħa sabiex tiġi diskussa item 3 minflok titkompla item 2.

2.10 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**3. Aġġornament dwar il-proġett tad-Dar ta' l-Anzjani, Day Care Centre, Uffiċċju Amministrattiv ġdid għal-Kunsill u *parking* pubbliku.**

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva:-

a) Korrispondenza mingħand il-MEPA dwar 'Follow up to objection relating to ownership' (Ara Rif. Inc. 4905/13 – Appendiċi 'Ċ') u li ntbagħatet risposta tal-Kunsill (Ara Rif. K1119/Exp. Of Interest/13-MC – Appendiċi 'D').

b) Protest Ġudizjarju ta' James Caters Limited, Seabank Hotel & Catering Limited, General Precast Concrete Limited u

Ron Staker (Ara Rif. Inc.4906 u 4904/13 - Appendiċi 'E' u 'F').

c) Email mingħand il-Perit Stephen Farrugia dwar l-istess Protest Ġudizzjarju (Ara Rif Nru. 4907/13 - Appendiċi 'G') fejn qed jitlob li l-avukat tiegħu u l-avukat tal-Kunsill jiltaqgħu biex tiġi kkordinata r-risposta.

d) Email mingħand is-Segretarju għall-Bord tal-Governanza, dwar każ ta' Bord ta' Governanza Lokali (Ara Rif Inc. 4908/13 – Appendiċi 'H'

e) Email mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali fuq id-direzzjoni mogħtija mis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Dott. Jose' Herrera (Rif Inc. 4781/13 – Appendiċi 'I').

3.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li wara li saret il-laqgħa straordinarja ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru 2013, l-Avukat tal-Kunsill iltaqa' ma' l-Onor. Dott. Jose' Herrera u l-Onor Dott. Franco Mercieca, filwaqt li saret laqgħa mad-Direttur tal-Kuntratti s-Sur Francis Attard fil-preżenza tas-Sindku Peter Bonello, l-Avukati Stefano Filletti u Jennifer Shaw, u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker.

3.03 L-Avukat tal-Kunsill, Dott. Stefano Filletti ta' spjegazzjoni u parir legali fid-dettal. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li:-

a) L-Kunsill jonora d-deċiżjoni tas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Dott Jose' Herrera LL.D.

b) Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Bord tal-Governanza jiġu nfurmati li l-Kunsill jonora d-deċiżjoni tas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Dott Jose' Herrera, u ser tiġi mħassra d-deċiżjoni li ħa l-Kunsill fejn ġie appuntat *Strategic Partner* u minflok l-offerenti kollha ser jiġu mgħaduda mal-offerta oriġinali tal-Kunsill.

c) Jiġi nfurmat id-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratt, is-Sur Francis Attard, li nsegwitu tad-deċiżjoni mogħtija mid-Direttur għall-Gvern Lokali, il-Kunsill iddeċieda li jħassar l-għażla ta' l-*istrategic partner* u minflok qiegħed jadixxi mal-proġett tiegħu l-offerenti kollha li tefgħu l-applikazzjoni wara s-sejħa ta' l-interess tiegħu. (Dawn huma skont is-*schedule* mehmuża – Ara Appendiċi 'J'). Kopja ta' din l-ittra tintbagħat ukoll lis-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Dott Jose' Herrera u lis-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet

ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Dott. Franco Mercieca M.D.

d) Jiġu nfurmati l-bidders kollha, ta' l-Espressjoni ta' Interess, bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

e) L-Avukat Dott. Filletti ser jieħu kull azzjoni neċessarja rigward il-Protest Ġudizzjaru ta' James Caters Limited, Seabank Hotel & Catering Limited, General Precast Concrete Limited u Ron Staker (Ara Rif. Inc.4906 u 4904/13 - Appendiċi 'E' u 'F') u tintbagħat kopja lill-Perit Stephen Farrugia.

3.04 Iċ-Ċermen għan-nom tal-Kunsill irringrazzja lill-Avukat.

3.05 L-Avukat ġie skużat fl-4.15p.m.

**2. Korrispondenza - tkomplija**

2.11 **Rif Nru. 4989 & 5007**

Saret riferenza għall-korrispondenza rigward tneħħija ta' parkeġġ fi Triq Sant' Elija. Ġie deċiż unanimament li l-Ombudsman jiġi nfurmat li l-Kunsill talab laqgħa mat-Transport Malta dwar din il-materja.

2.12 **Rif Nru. 4994**

Saret riferenza għall-istima li bagħat il-kuntrattur għall-xogħolijiet li hemm bżonn isiru fil-latrini pubbliċi tal-Balluta. Wara li saret riferenza għat-tender, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jistax jaċċetta din l-istima minħabba li x-xogħolijiet li hemm bżonn isiru huma parti mit-tender.

2.13 **Rif Nru. 5151**

B'riferenza għall-ittri mingħand it-Transport Malta rigward linji sofor fi Triq il-Karmnu. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku talab *meeting* mat-Transport Malta sabiex tiġi diskussa din il-materja.

2.14 **Rif Nru. K1182**

Saret riferenza għall-email lit-Transport Malta rigward parkeġġ fi Triq il-Karmnu, Triq Sant' Elija u Triq Elija Zammit. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku talab *meeting* mat-Transport Malta sabiex jiġu

diskussi dawn il-materji kif ukoll linji sofor li saru faċċata tal-Millennium Chapel fi Triq il-Knisja (KA178/127&43b/13-MC).

2.15 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fl-4.25p.m.

**4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'K').

4.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3458 sa 3481 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'L').

5.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3458 sa 3481 u li tinħareġ ukoll il-*works order* għall-Request Sheet nru 3465.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

5.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**6. Materji Oħra**

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li nħareġ avviż (Ara Appendici 'M') għall-:

a) *replacement* ta' siġġijiet għal iskrivani, għas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv

b) Computer monitors 20''

c) Binding of Minutes

6.02 Dan l-avviż jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2013 u ser tintgħażel l-aktar offerta vantaġġjuża.

6.03 Ġie deċiż unanimament li meta jinxtraw is-siġġijiet il-qodma l-imkissrin jintremew.

6.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li nħarġet sejħa għall-offerti (Ara Appendiċi 'N') għal :-

a) 'Upkeep and Maintanance Access Roads' and 'Access only and Pedestrian Streets'

b) Servizz ta' *Accountancy*

c) Servizz ta' Tindif u Manuntenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi.

6.05 Dawn l-offerti jagħlqu nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru 2013. Wara li jinfetħu l-offerti ser tingħata kopja ta' l-offerti li jintefgħu fuq 'Upkeep and Maintanance 'Access Roads' and 'Access only and Pedestrian Streets' lill-Perit tal-Kunsill biex isir rapport fuq l-evalwazzjoni tagħhom.

6.06 Rigward il-leave annwali tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill ġie nfurmat li wara li tkun ħadet il-leave ppjanat sa l-aħħar ta' Diċembru 2013, ser ikun baqa' bilanċ ta' 192 siegħa leave (ekwivalenti għal 24 ġurnata). Minħabba l-esiġenzi tax-xogħol, u peress li hemm imjegata bill-maternity leave, u minħabba nuqqas ta' staff din ma setgħetx tieħu l-leave kollu.

6.07 Għalhekk ġie deċiż unanimament li:-

a) il-bilanċ tal-leave tas-Segretarju Eżekuttiv, ta' 192 siegħa jiġi mġedded għas-sena d-dieħla.

b) Jekk it-talba li ssir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma tiġix aċċettata, s-Segretarju Eżekuttiv toħroġ bil-leave b'effett immedjat għad-detriment tal-Kunsill.

6.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li nxtrat 'electric kettle' peress li l-oħra m'għadhix taħdem.

6.09 Ġie deċiż unanimament li l-qodma li ma jaħdmux jintremew.

6.10 Il-Kunsillier Richard Scicluna ġie skużat fl-4.45pm.

6.11 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Anthony Grech jiġi reimbursat ta' l-ispejjeż ta' fjuri li nxtraw għan-nom tal-Kunsill għall-funeral ta' Kanonku Dun Karm Calleja.

6.12 Ġie deċiż unanimament li:

a) Tintbagħat ittra lill-Enemalta minħabba li hemm ħafna bozoz maqtugħin fil-lokalita', filwaqt li jekk ikun hemm problema fejn huma dawn il-bozoz, il-Kunsill lest jagħmel *meeting* magħhom sabiex jurihom il-postijiet.

b) Tintbagħat ittra lill-Kummisarju tal-Pulizija fejn jiġi rrakkomandat li ssir rampa aċċessibli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan minħabba li fil-preżent m'hemmx aċċess għall-għassa għal dawn il-persuni.

6.13 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2013 fis-2.30p.m.

6.14 Il-laqgħa ntemmet fil-5.10p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**